MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' April, 2017

Rikors Maħluf numru: 32/15LM

**Avukat Dr Henry Saydon (K.I.458180M)**

***vs.***

**Riger Dov (K.I. 62452A)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Avukat Dr Henry Saydon** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li ġie ppreżentat fl-14 ta' Jannar, 2015, li jgħid:

1. *Illi l-esponent kien ġie inkarigat mill-intimat, l-Admor ta' Malta, sabiex jagħtih assistenza legali biex jikkostitwixxi grupp ta' organizzazzjonijiet hawn Malta b'xeħta globali b'assi proġettati ta' mitejn miljun Dollaru Amerikan - (USD 200,000,000) provenjenti mingħand l-istess intimat u segwaċi kapitalisti tiegħu;*

2. *Illi l-esponent espleta l-inkarigu tiegħu, liema inkarigu kien maqsum f'diversi fażijiet, fosthom billi ta lill-intimat diversi pariri fuq kif jista' jistruttura dan il-grupp ta' organizzazzjonijiet; assistieh fl-abbozzar tad-diversi dokumenti kostituttivi ta' dawn l-organizzazzjonijiet u tad-dokumenti interni (corporate documents); u eventwalment bl-inkorporazzjoni tal-ewwel wieħed mill-istess organizzazzjonijiet;*

3. *Illi fost affarijiet oħra, is-servizzi professjonali reżi mill-esponent kienu jikkonsistu preliminarjament f'espożizzjoni dwar il-forom varji li seta' juża l-intimat biex iwettaq il-pjan tiegħu, f'diversi pariri legali fosthom dwar x'kienu l-implikazzjonijiet prattiċi u legali għall-entatijiet ġuridiċi involuti (u l-patrimonju tagħhom) u għall-protagonisti kollha l-oħra ta' dawn l-organizzazzjonijiet fosthom il-promoturi, fondaturi, amministraturi, membri fuq kunsilli u kumitati, benefiċjarji, kif ukoll f'diversi meetings mal-intimat u mal-konsulenti u personal assistants tiegħu apparti l-abbozzar ta' dokumenti legali;*

4. *Illi x-xogħol mwettaq mill-esponent ġie konkluż permezz tal-formazzjoni ta' fondazzjoni, Supreme Order of Universal Light Foundation (servizz ipprovdut bejn Novembru 2012 u 10 ta' Marzu, 2013), l-abbozzar tal-att għall-ħatra tal-intimat bħala Konslu Ġenerali Onorarju mir-Re tal-Kambodja (servizz ipprovdut f'Mejju 2013), l-abbozz ta' att ta' kostituzzjoni ta' Assoċjazzjoni Maltija (Universal Order of Light) u l-istatut intern tiegħu liema organizzazzjoni kellha sservi wkoll bħala Federazzjoni Internazzjonali ta' assoċjazzjonijiet u sukkursali f'kull parti tad-dinja (servizz ipprovdut bejn Lulju u Settembru 2013) u l-formazzjoni ta' Akkademja spiritwali, fejn iżda wara li nbeda x-xogħol preparattiv mill-esponent, l-intimat irtiralu l-inkarigu;*

5. *Illi l-intimat ħallas kemm għas-servizzi legali pprovduti sa Marzu 2013 (kopja tar-Request for payment annessa u mmarkata Dok A*[1]*) u kif ukoll għal dawk ipprovduti sa Mejju 2013 (kopja tar-Request for Payment annessa u mmarkata Dok B*[2]*), iżda naqas milli jħallas għas-servizzi legali relatati mal-assoċjazzjoni Universal Order of Light u federazzjoni ta' assoċjazzjonijiet pprovduti bejn Lulju u Settembru 2013, liema servizzi jammontaw għas-somma globali ta' EUR 11,914 kif muri fir-Request For Payment hawn annessa u mmarkata Dok C*[3]*, inkluża l-ittra mehmuża datata 15 ta' Diċembru, 2013;*

6. *Illi l-intimat, il-konsulenti u/jew il-personal assistants tiegħu rċevew id-diversi dokumenti preparattivi kif ukoll id-diversi verżjonijiet tad-dokumenti kostitutivi, inkluż l-istatut intern tal-Universal Order of Light, liema verżjonijiet kienu ġew emendati diversi drabi;*

7. *Illi għaldaqstant l-intimat għandu jħallas lill-esponent is-somma msemmija ta' EUR 11,914;*

8. *Illi minkejja interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut, u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali (kopja annessa u mmarkata Dok D*[4]*), huwa baqa' inadempjenti;*

9. *Illi l-imsemmi bilanċ huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-konvenut lill-attur;*

10. *Illi safejn jaf l-esponenti, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba;*

11. *Illi dawn il-fatti, l-esponenti jafhom huwa personalment;*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

---

[1] *A fol.* 7 sa 9 tal-proċess. L-ammont kien ta' €3,324.
[2] *A fol.* 10 u 11 tal-proċess. L-ammont kien ta' €359.
[3] *A fol.* 12 sa 14 tal-proċess. L-ammont kien ta' €11,914 għal 114 sigħat imnaqqsa bħala *courtesy reduction* għal 84 siegħa.
[4] *A fol.* 15 u 16 (traduzzjoni bl-ingliż *a fol.* 17) ppreżentata fit-22 ta' Lulju, 2013 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 għas-somma ta' €11,914 (€10,080 servizzi legali, €1,814 VAT u €20 spejjeż).

1. *Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il Euro (EUR 11,914) dovuti kif fuq ingħad.*[5]

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 22 ta' Lulju, 2014 u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti, wara li semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet, ċaħdet it-talba tal-attur sabiex il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, 'l hekk imsejħa proċedura tal-giljottina, u qieset li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet x'iressaq u tagħtu għoxrin jum għar-risposta.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Riger Dov** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ippreżentata fil-25 ta' Mejju, 2015, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment, u dan stante li l-konvenut dejjem ħallas tas-servizzi professjonali kollha reżi lilu u kwindi l-istess talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ispejjeż pretiżi mill-attur u ċjoè s-somma ta' ħdax-il elf disa' mija u erbatax-il euro (€11,914) bħala servizzi legali professjonali reżi minnu lill-konvenut relatati mal-assoċjazzjoni*

---

[5] Ara Dok. E *a fol.* 18 u 19 tal-Proċess li jikkonsisti f'*billing time sheet* tax-xogħol (indikattiv) magħmul mid-9 ta' Lulju, 2013 sat-18 ta' Settembru, 2013.

*Universal Order of Light u federazzjoni ta' assoċjazzjonijiet, huma esaġerati u eċċessivi u ma jirrispettawx il-linji gwida stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi ulterjorment rilevat illi r-rikorrenti qatt ma informa minn qabel, lill-intimat, rigward l-ispejjeż involuti għas-servizzi tiegħu, u għalhekk qatt ma seta' kien hemm ftehim fuq l-istess;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistgħu jiġu permessi skond il-liġi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti f'din il-kawża hija dwar x'suppost ftiehmu verbalment bejniethom il-partijiet rigwardanti r-rati ta' ħlas għal servizzi professjonali legali li l-attur irrenda lill-konvenut biex tiġi kkostitwita fondazzjoni karitatevoli u organizzazzjonijiet oħrajn assoċjati. L-attur isostni li bejn il-partijiet kien hemm ftehim verbali fis-sens li abbozz ta' statut tal-fondazzjoni (*Supreme Order for the Universality of* Light) li kienu ppreparaw assoċjati u assistenti tal-konvenut, kellu jirrevedieh u jirranġah l-attur sabiex jiġi reġistrat Malta għall-ħlas ta' bejn €1,000 u €1,200. Għal xogħol professjonali ieħor li kellu jsir mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut sabiex tiġi ffurmata wkoll assoċjazzjoni, kumpannija u akkademja relatati mal-imsemmija fondazzjoni, l-attur kellu jitħallas skont il-ħin li jieħu bir-rata ta' €100 fis-siegħa qabel il-VAT.

Min-naħa tiegħu l-konvenut jikkontendi li skont il-ftehim verbali bejn il-partijiet, il-ħlas ta' €3,324 kellu jkopri mhux biss is-servizzi reżi mill-attur għall-formazzjoni tal-imsemmija fondazzjoni, imma anki l-ħlas għall-formazzjoni ta' assoċjazzjoni, kumpannija u akkademja relatati mal-imsemmija fondazzjoni. Illi għalhekk filwaqt li l-attur jisħaq li kien baqgħalu jitħallas bilanċ ta' €11,914 minbarra s-somma ta' €3,324 li diġà tħallas mill-konvenut, il-konvenut min-naħa tiegħu jinsisti li ma

hemm ebda somma oħra dovuta u li konvenut dejjem ħallas tas-servizzi professjonali kollha reżi lilu.

**Provi u riżultanzi**

Tqis li ladarba kien hemm biss ftehim verbali bejn il-partijiet u l-istess partijiet qegħdin jagħtu verżjonijiet konfliġġenti u kontrastanti dwar dan il-ftehim, il-kwistjoni kollha bejn il-partijiet tħoll u torbot madwar il-provi mressqa u l-interpretazzjoni ta' dawn il-provi sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-ftehim li kien tabilħaqq intlaħaq bejn il-partijiet fil-mument li sar tali ftehim. Il-Qorti trid tislet u tgħarbel dan ukoll minn kull ripensament li seta' kien hemm minn parti jew minn oħra meta s-servizzi professjonali kienu diġà bdew jingħataw mill-attur sakemm ġie imwaqqaf mill-konvenut minħabba appuntu dan id-disgwid bejn il-partijiet u ċjoè proprju fuq it-tielet fattura ta' €11,914[6] maħruġa mill-attur lill-konvenut, li hi l-mertu ta' din il-kawża.

Illi min-naħa tiegħu l-attur **l-Avukat Henry Saydon** ippreżenta mar-Rikors Maħluf il-fattura datata Marzu, 2013[7] għall-ewwel parti tas-servizzi reżi minnu li kien jinkludi l-ħlas stipulat ta' €1,200[8], iżda li kienet tinkludi l-ħlas ta' €500 għal żewġ laqgħat (waħda minnhom li saret fi btala

[6] *A fol.* 12 sa 14.
[7] *A fol.* 7 sa 9.
[8] Li kien jinkludi *review* tal-Istatut ippreparat mill-konvenut u mill-assoċjati tiegħu.

pubblika), €1,000 għal fondazzjoni privata minħabba li kien hemm ripensament mill-konvenut biex ibiddel l-formazzjoni tal-fondazzjoni, u €100 oħra meta l-konvenut reġa' ddeċieda li ssir fondazzjoni karitatevoli. Din l-ewwel fattura kienet għalhekk għas-somma totali ta' €3,324 wara l-VAT u €20 spejjeż. Il-Qorti tissenjala li minkejja l-insistenza tal-attur li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi oltre l-ħlas stipulat ta' €1,200, il-bqija tas-servizzi professjonali li kellu jipprovdi l-attur kellhom jitħallsu bir-rata ta' €100 is-siegħa, din l-ewwel fattura li effettivament dwarha hemm qbil bejn il-partijiet li tħallset, ma tagħmel ebda riferiment għall-kalkolu ta' drittijiet professjonali abbażi ta' sigħat.

It-tieni fattura maħruġa mill-attur lill-konvenut kienet għal biċċa xogħol addizzjonali li l-attur ġie mitlub jagħmel lill-konvenut bħala parti mit-tentattivi tiegħu biex jiġi nominat Konslu Onorarju għall-Kambodja. Anki din il-fattura għall-ħlas ta' €359[9] mhijiex mertu tal-kawża, tant li din kienet tħallset mill-konvenut għad li dan tal-aħħar kien qies illi dan il-ħlas mitlub kien wieħed eċċessiv. F'din il-fattura r-rata kkwotata hija ta' €120 fis-siegħa iżda mnaqqsa għal €300, li bil-VAT u €5 spejjeż, tammonta għal €359.

L-attur ippreżenta wkoll mar-Rikors Maħluf tiegħu (i) ittra li kien bagħat lill-konvenut fil-15 ta' Diċembru, 2013 bid-dokumenti li kien ħadem fuqhom u t-talba għal pagament, li kienet tkopri pagament ibbażat fuq

[9] *A fol.* 12 sa 14.

115-il siegħa xogħol komplessivament; (ii) ittra oħra bl-istess data li tagħmel riferiment għall-fattura in kontestazzjoni u *time sheet* separata. Il-fattura kienet maħduma fuq rata ta’ €120 is-siegħa għal 114 siegħa xogħol - €13,740 u bil-VAT u spejjeż, għal total ta’ €16,233, però din ġiet imnaqqsa għal 84 siegħa għal total ta’ €11,914. It-*time sheet* tindika is-sigħat maħduma bir-rata ta’ €120 is-siegħa.

Finalment mar-Rikors Maħluf tiegħu l-attur ippreżenta wkoll kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn interpella lill-konvenut għall-ħlas tas-somma pretiża f’din il-kawża għas-servizzi professjonali reżi minnu minn Lulju 2013 ’il quddiem.

Illi l-attur **Avukat Henry Saydon** fl-affidavit tiegħu[10] jispjega li fl-ewwel laqgħa li kellu mal-konvenut fil-preżenza tal-assitent personali tal-konvenut David Regignano u kollaboratur ieħor tal-konvenut, il-Professur Gerardo Iovane, it-tariffa li kkwota kienet ċarissima. Hu jgħid li kkwota r-rata fis-siegħa ta’ €100 s-siegħa, eskluża l-VAT u spejjeż: *“I would be charging my hourly rate which, at the time, was quoted as being Euro 100/hour excl. VAT and disbursements”.*[11] Fl-affidavit tiegħu l-attur jagħmel distinzjoni bejn r-rata fis-siegħa li kien iżomm skont is-sena liema kienet, però jgħid ukoll li r-rata tiegħu mal-konvenut kienet ġiet iffissata

[10] *A fol.* 52 sa 60 tal-proċess.
[11] *A fol.* 53 tal-proċess.

fl-ewwel laqgħa li kellhom. L-attur imkien ma jsemmi fix-xhieda tiegħu li kien indika lill-konvenut li dik ir-rata eventwalment kien se jgħolliha għal €120 fis-siegħa ħlief fit-tielet fattura li bagħat lill-konvenut wara li kien tlesta x-xogħol.

Illi l-attur ikompli jispjega li waqt li l-konvenut u n-nies li kellu miegħu xtaqu stima totali tad-drittijiet tiegħu minn qabel. Għal dan il-konvenut wieġeb illi dan kien ferm diffiċli għax kien jiddependi mill-kumplikazzjonijiet li kien ser jiltaqa' magħhom u spjega li biex jirranġalhom biss l-abbozz tal-istatut li kienu għaddewlu dan kien ser jiġi jiswa bejn €1,000 u €1,200, imma għal servizzi professjonalil li jmorru oltre minn dan, il-ħlas kellu jkun bir-rata fis-siegħa msemmija.

L-attur Henry Saydon fix-xhieda tiegħu jgħid ukoll illi l-istess fondazzjoni kien ser ikollha profil mondjali b'donazzjonijiet li kellhom ilaħħqu mitejn miljun dollaru u ħafna xogħol kien żdied 'il għaliex il-konvenut kien ibiddel minn mument għall-ieħor dak li jixtieq. L-attur għamilha ċara li dak li verament ried il-konvenut mhux sempliċement jirranġaw ftit l-abbozz li kienu tawh, iżda kien xogħol kumplikat u ma kull bidla li kienet issir, dan kien jinvolvi ħafna ħsieb u xogħol żejjed. L-attur ippreżenta kopja tal-abbozz[12] li kien ġie mogħti fl-ewwel laqgħa li kellu mal-

[12] Dok. HS1 *a fol.* 61 sa 67 tal-proċess.

konvenut u l-assistenti tiegħu, kif ukoll tax-xogħol li kien laħaq għamel sa kemm ġie tterminat l-inkarigu tiegħu mill-konvenut.[13]

Illi l-attur fl-affidavit tiegħu tenna li l-konvenut qatt ma kkontesta li dan ix-xogħol li kien qed jagħmel l-attur kien bi ħlas, tant li ħallas l-ewwel u tieni fatturi. L-attur jgħid li meta lesta dan ix-xogħol ippreżenta l-fattura tal-15 ta' Diċembru, 2013 bir-rata fis-siegħa ta' dak iż-żmien ta' €120. Però għandu jiġi osservat illi ix-xogħol rigward l-assoċjazzjoni, il-kumpannija u l-akkademja ma kienx lest kollu, iżda biss wasal sal-assoċjazzjoni u x-xogħol dwarha kien għadu fil-forma ta' abbozz avvanzat. L-attur jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jispjega fid-dettal għaliex ma kellux jiddubita mis-serjetà tal-konvenut għal diversi raġunijiet, iżda din il-Qorti ma tarax li dan jista' jitfa' dawl fuq il-vertenza odjerna.

L-attur waqt ix-xhieda tiegħu[14] ppreżenta l-emails li skambja mal-konvenut jew mar-rappreżentanti tiegħu dwar ix-xogħol li għamel bejn Ġunju u Settembru 2013 u li wasslu sa Diċembru 2013 u Jannar 2014 fejn jidher li beda d-disgwid dwar il-kont li kien bagħat fil-15 ta' Diċembru, 2013.[15] Dawn l-emails juru li effettivament l-attur kompla aktar xogħol fuq dawn l-organizzazzjonijiet sa għall-inqas Settembru 2013. Però fl-20

[13] The Internal Statute of the Universal Order of Light *a fol.* 68 sa 100 tal-proċess u The deed of establishment of the Association Universal Order of Light *a fol.* 101 sa 125 tal-proċess.
[14] *A fol.* 129 u 130 tal-proċess.
[15] *A fol.* 131 sa 154 tal-proċess.

ta' Diċembru, 2013[16], b'risposta għall-fattura li bagħat l-attur, Lawrence Attard Bezzina kiteb lill-attur fejn qallu:

> *"I have informed His Eminence the Admor of Malta just before Shabbat, that you have passed on to me a hard copy of a number of documents concerning the work commissioned by him and that you have also included a "hefty" invoice with these documents.*
>
> *H.E. has informed me that he has already paid you in advance for all the work requested of you and is very surprised that you have again invoiced him for this work. At no time did you inform him (or me) that you would ask for more money for completing this work."*

Din l-email tkompli tgħid illi l-attur kellu jieqaf milli jkompli aktar xogħol u li l-konvenut ma kienx ser jikkunsidra l-fattura li bagħatlu għax il-konvenut kien diġà ħallas għal dan ix-xogħol.

Min-naħa tiegħu l-attur wieġeb b'email dakinhar stess fl-20 ta' Diċembru, 2013[17] fejn spjega lil Lawrence Attard Bezzina, li veru kien diġà tħallas b'*cheque,* iżda dak il-pagament ma kienx għas-saldu tax-xogħol li kien fadallu jagħmel, iżda għax-xogħol fuq il-fondazzjoni. L-emails li segwew miż-żewġ naħat huma fl-istess vena, bil-konvenut jgħid li l-ħlas kien għax-xogħol kollu li kellu jsir u bl-attur jgħid li kien biss akkont u kien fadal ferm iktar x'jitħallas.

[16] *A fol.* 148 tal-proċess.
[17] *A fol.* 149 tal-proċess.

In kontroeżami l-attur reġa' spjega li l-ewwel fattura kien żdied l-ammont tagħha mhux għax kellha tinkludi ix-xogħol kollu li kellu jsir, imma dan żdied minħabba diversi tibdiliet li ried jagħmel il-konvenut, prinċipalment għax dan kien iddeċieda li jneħħi l-*membership* mill-fondazzjoni biex il-membri jagħmlu parti mill-assoċjazzjoni u l-assi jitħallew fil-fondazzjoni u l-membri ma jkollhomx kontroll fuq dawn l-assi. L-attur ikkonferma li wara dan it-tibdil ġiet iffurmata l-fondazzjoni u l-konvenut kien ħallas għal dan ix-xogħol.[18]

L-attur baqa' jinsisti li x-xogħol li ma tħallasx tiegħu ma kienx wieħed faċli u kellu jitħallas tiegħu bir-rata miftiehma ta' €100 u mhux €120 fis-siegħa.[19] Fuq domanda tal-avukat difensur tal-konvenut, l-attur ikkonferma illi dwar ix-xogħol li kellu jkompli jagħmel wara Mejju 2013 ma reġax qal lill-konvenut jew lill-assistenti tiegħu li kien ser jiċċarġja bir-rata fis-siegħa diġà miftiehma fl-ewwel laqgħa:

> "**Avukat Marion Camilleri**: Issa bejn Mejju u Diċembru dan ix-xogħol tal-assoċjazzjoni mhux xogħol ieħor, inti għidtilhom li "l-ftehim tagħna kien three thousand, però hawn aktar xogħol xi jsir, li ħallastu kien kopert sallum u jien irid nitħallas aktar." Naqblu li dan id-diskors magħhom qatt ma kien sar.
>
> **Avukat Henry Saydon**: Naqblu u għal raġuni ovvja għax kien hemm il-ftehim tal-bidu. Jiġifieri meta nagħmel ftehim ma' klijent mhux ħa noqgħod ... il-*billing method* huwa l-istess almenu f'moħħi meta noffri s-servizz *at this price* mhux ser jerġa' jibdili u noffri servizz... ."

[18] *A fol.* 197 tal-proċess.
[19] *A fol.* 199 tal-proċess.

L-attur esebixxa wkoll email li kien bagħat lill-konvenut fid-19 ta' Marzu, 2013[20] biex juri li l-ħlas kien għall-formazzjoni tal-fondazzjoni u mhux għall-formazzjoni tal-assoċjazzjoni li ma kienx beda jaħdem fuqha sa dak iż-żmien u fejn kien spjega wkoll illi:

> *"...I am seeing this project taking a new direction with the introduction of new ideas. This being the case I would like to do two things before I gladly embarking down this road: firstly render account of my work to you (please see document attached with details) and secondly, raise an invoice thereof (attached for your kind attention). So that the foundation be up and running soonest I will shortly be – sending the Deed of Constitution to you .... – an indication of the next steps." -*

Illi l-attur fit-tieni kontroeżami li sarlu[21], ikkonferma li ma kienx hemm għalfejn jgħid lill-konvenut kemm ser jiġi jiswa t-tieni stadju tax-xogħol tiegħu 'l għaliex fl-ewwel lok ma kienx jaf eżattament dan x'kien ser jinvolvi, iktar u iktar minħabba d-diversi tibdiliet li kienu qegħdin isiru mill-konvenut. Barra minn hekk l-attur isostni li hu kien qiegħed jimxi mal-ftehim inizjali milħuq mal-konvenut u l-assistenti tiegħu u ma kellux għalfejn ikellimhom.

Min-naħa tal-konvenut xehed **Lawrence Attard Bezzina**, l-eks-assistent personali tiegħu, li kkonferma li l-pagament li kien sar mill-konvenut kellu jkopri x-xogħol kollu li għamel u li kellu jagħmel l-attur. In kontroeżami x-xhud Lawrence Attard Bezzina, filwaqt li ammetta li għall-ewwel laqgħa bejn il-partijiet huwa ma kienx preżenti, però fuq domanda tal-Qorti

[20] *A fol.* 205 u 206 tal-proċess.
[21] *A fol.* 210 sa 211 tal-proċess.

kkonferma li hu kien kiteb l-ewwel *cheque* lill-attur u quddiemu l-konvenut kien qal lill-attur li *"this is the full and final cheque".*[22] Mistoqsi in kontroeżami x-xhud Lawrence Attard Bezzina jgħid li Dr Saydon kien qallu li se jlesti x-xogħol qabel ma jitħallas, iżda l-konvenut xtaq iħallsu ta' kollox minn qabel.

Illi in kontroeżami wkoll Lawrence Attard Bezzina xehed[23] illi jiftakar ukoll lill-konvenut jistaqsi jekk kienx hemm aktar x'jitħallas apparti l-ewwel *cheque* u t-tieni *cheque* għall-prokura, u l-attur irrisponda quddiemu li dan kien ikopri l-ħlas għax-xogħol kollu. Fl-aħħar nett Lawrence Attard Bezzina jinsisti li x-xogħol fuq l-assoċjazzjoni kien parti integrali mix-xogħol fuq il-fondazzjoni li għalih l-atturi kien diġà tħallas.

Il-konvenut ippreżenta wkoll l-affidavit tal-assistent tiegħu **David Reginiano**[24] li min-naħa tiegħu kkonferma l-fatti kif esposti fl-affidavit tal-attur huma sostanzjalment korretti sa Marzu 2013, però jkompli jgħid illi l-ammont ta' €3,000 li tħallas inizjalment mill-konvenut lill-attur kien ikopri kemm ix-xogħol fuq il-fondazzjoni u kemm ix-xogħol fuq il-kumpannija li kien issuġġerixxa l-istess attur. Ix-xhud David Reginiano stqarr ukoll illi mill-esperjenza tiegħu tal-konvenut, dan qatt ma kien jaċċetta xogħol li jitħallas bis-sigħat, però dejjem kien jinsisti li jiġi mgħarraf minn qabel kemm kien se jiġi jiswa x-xogħol komplessivament.

[22] *A fol.* 159 tal-proċess.
[23] *A fol.* 169 sa 180 tal-proċess.
[24] *A fol.* 190 tal-proċess.

Illi l-konvenut **Riger Dov** fl-affidavit tiegħu[25] jgħid li l-ewwel fattura li tah l-attur kien raha għolja u jgħid ukoll li kien iddeċieda li jħallasha għax l-attur spjegalu li l-inkarigu li kien tah kien jinvolvi ħafna xogħol u kumplikazzjonijiet u li l-ħlas indikat fl-ewwel fattura kien għax-xogħol kollu li kien lesta l-attur u għax-xogħol li kien fadallu jagħmel. Il-konvenut jgħid illi huwa qatt ma kien aċċetta li jħallas b'rata fis-siegħa.

Illi minkejja li skont l-attur il-ftehim sar darba biss u r-rata suppost ġiet deċiża fl-ewwel laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet, il-Qorti ma tistax tifhem kif sussegwentement l-attur seta' jikkwota r-rata kurrenti tiegħu ta' €120 fis-siegħa li kienet ogħla mir-rata ta' €100 fis-siegħa li suppost kienet ġiet miftiehma oriġinarjament fl-ewwel laqgħa.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-ewwel lok kif ingħad aktar qabel, il-Qorti trid teżamina l-provi mressqa mill-partijiet biex tasal għall-ftehim li kellu jirregola l-ħlas tas-servizzi legali li kien qed jipprovdi l-attur lill-konvenut.

Il-Qorti ssibha diffiċili tifhem kif l-attur li hu avukat u li kien hu stess li ammetta li l-konvenut mill-ewwel ma ridtx li l-ħlas għas-servizzi legali rikjesti minnu ikun ibbażat fuq l-ammont ta' sigħat li tali xogħol jista' jieħu, kif ma talabx lill-konvenut biex jagħmlu ftehim bil-miktub

[25] *A fol.* 192 u 193 tal-proċess.

bejniethom li jkun jirregola b'mod ċar id-drittijiet tiegħu għas-servizzi professjonali reżi lill-konvenut. Jekk tabilħaqq l-attur kien jimxi fuq il-prassi li meta kien ikun diffiċli tgħid minn qabel kemm ser jiġu jiswew is-servizzi professjonali tiegħu, kien jiċċarġja bir-rata ta' €100 fis-siegħa, din il-Qorti ma tistax tifhem kif dwar dan l-attur ma talabx li ssir skrittura bejniethom biex wara ma jinqala' ebda disgwid. Quddiem il-Qrati ftehim verbali joħloq bosta problemi u kumplikazzjonijiet bla bżonn speċjalment meta fil-każ in eżami l-partijiet resqu provi kontrastanti.

Illi fil-kuntest tal-provi li ġew imressqa mill-partijiet, il-Qorti għandha tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża wara li teżamina l-provi fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[26], li min jallega jrid jipprova hu dak allegat minnu, jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa ladarba huwa l-attur li qed jallega li għad fadallu jieħu l-bilanċ ta' €11,914 għas-servizzi professjonali reżi minnu lill-konvenut, jinkombi fuqu li jipprova x'kien sewwa sew il-ftehim verbali li ġie milħuq bejn il-partijiet.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-attur effettivament ipprovda is-servizzi legali kollha deskritti minnu. Din il-Qorti però ma tarax wisq rilevanza f'dak illi sostna l-attur dwar kemm din l-fondazzjoni kien ser

[26] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe. vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015, **Theuma *vs.* Mercieca,** Q.A, 20.02.1996, **Fenech Clarke *et. vs*. Borg *et.,*** Q.A., 30.05.1997 u **Mizzi *noe. vs.* Borg *et.,*** P.A., 29.09.2009.

ikollha profil pubbliku importanti jew kemm kien qiegħed ikun antiċipat li se jkollha donazzjonijiet ta' mijiet ta' miljuni. Dak li tabilħaqq kellu jgħodd għall-partijiet kien il-ftehim ta' bejniethom u ċjoè:

> "il-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda.*"[27]

Id-diffikultà ta' din il-Qorti, bħal f'kull każ bħal dan fejn ħafna jiddependi mill-provi prodotti mill-partijiet u fejn il-ftehim ikun wieħed verbali, u fejn terġa' u tgħid il-provi mressqa huma kunfliġġenti, hu kif ser tasal għal dak il-konvinċiment morali rikjest fil-kamp tad-dritt ċivili. Ċertament li għall-Qrati dan mhu xejn ġdid fejn ta' spiss ikunu rinfaċċjati b'verżjonijiet opposti għal xulxin meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Beacom *et vs*. Spiteri Staines** jingħad proprju li:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatojja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ...

---

[27] Q.A., 05.10.1998.

Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[28]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[29] jingħad ukoll illi:

"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[30] irreteniet illi:

"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li alllura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni, liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[31]

---

[28] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[29] P.A., 30.10.2003.
[30] 02.06.2003.
[31] P.A., 09.12.2011, **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***

Illi fin-nota studjata tal-attur isir enfasi fuq ċerti kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' Lawrence Attard Bezzina. Tqis però li dan ix-xhud kien qiegħed jixhed mingħajr ma kellu ebda dokumenti quddiemu. Tqis ukoll li dan ix-xhud bl-ebda mod ma ta l-impressjoni li ma kienx qed ikun sinċier f'dak li qiegħed jgħid. L-affidavit kemm ta' David Reginiano u anki dak tal-konvenut jgħidu ċar u tond, mingħajr ma jattakkaw il-valur u validità tax-xogħol tal-attur, li kienet ġiet stabbilita somma fissa bħala ħlas għas-servizzi professjonali kollha li l-attur irrenda lill-konvenut.

Illi min-naħa l-oħra il-Qorti tqis li t-teżi tal-attur kienet qed tiġi bbażata fuq konġetturi u assunzjonijiet li huma sostnuti biss mill-kelma tal-attur, bħal pereżempju "il-*billing method* huwa l-istess, almenu **f'moħħi**[32]..." u "...u l-kwistjoni li ma daħlitx għax f'**moħħi**[33] dik kienet *past and gone* għax kienet għandha x'taqsam mal-fondazzjoni u mhux mal-assoċjazzjoni".[34] Dan meta l-ewwel ħaġa li toħroġ ċar mill-provi li ressaq l-attur kellha tkun illi l-konvenut aċċetta li jħallas lill-attur bir-rata ta' €100 fis-siegħa. Terġa' u tgħid il-mod kif din ir-rata ġiet sussegwentement awmentata unilateralment u arbitrarjament mill-attur għal €120 fis-siegħa, jitfa' dubju serju fuq il-metodu kollu ta' kif l-attur kien qiegħed jippresupponi li ser jikkonvinċi lill-konvenut sabiex iħallsu, kif *del resto* dan kien ħallas l-ewwel żewġ fatturi.

---

[32] Enfażi tal-Qorti.
[33] Enfażi tal-Qorti.
[34] *A fol.* 203.

Illi mill-provi jirriżulta mhux biss li l-attur kien preċipituż meta ppreżuma li kien hemm xi rabta kuntrattwali bejnu u bejn il-konvenut, li seta' jkompli jaħdem bir-rati li allegatament kien normalment jiċċarġja ta' €100 fis-siegħa, imma kompla jassumi wkoll illi seta' jgħolli r-rata tiegħu għal €120 fis-siegħa u li dakollu kien ser jiġi aċċettat faċilment mill-konvenut, meta l-attur ma għandu xejn x'juri li l-konvenut kien qabel *a priori* ma' dan il-metodu ta' ħlas.

Tqis ukoll li apparti li l-provi mressqa mill-konvenut kienu konsistenti mill-bidu sal-aħħar, sal-punt li l-konvenut dejjem kien jinsisti li kull servizz li kien ikollu bżonn kellu jiġi stmat minn qabel kemm kien ser jiġi jiswa u li l-ħlas għal dan kien isir bil-quddiem, ma jirriżultax li kien hemm xi vinkolu kuntrattwali min-naħa tal-konvenut oltre l-ħlas li sar skont l-ewwel u t-tieni fattura ppreżentati mill-attur.

Tqis ukoll illi għad li kellu kull opportunità li jikkonfronta lill-konvenut u lill-assistent tiegħu David Reginiano in kontroeżami, l-attur għażel li ma jagħmilx dan.

In vista tal-premess u fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, din il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi tista' takkolji t-talbiet tal-attur.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet imfissra taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

Moqrija.